# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 1 ta' Gunju 2017**

**Kawza Numru: 13**

**Rikors Numru: 1145/2016 JPG**

**Shazia Khan Darmanin**
**(K.I. nru 164304(L))**

**VS**

**Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil David Darmanin (K.I. nru. 195480(M)) u b'digriet tal-5 ta' Jannar 2017 gew nominati Dr. Martin Fenech, u PL Marie Claire Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Shazia Khan Darmanin (K.I. nru 195480M), datata 19 ta' Dicembru 2016, (vide fol 1 et seq), li jaqra hekk;

1. *Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali datat l-erbgha (4) ta' Novembru 2005 in atti Nutar Dottor Eric Wadge (kopja annessa u mmarkata Dok A);*

2. *Illi ai termini ta' l-istess kuntratt, fi klawsola sitta (6) l-intimat obbliga ruhhu fost obbligi ohra li jhallas il-mizata tal-iskola tal-minuri sakemm l-istess minuri jtemm l-edukazzjoni sekondarja tieghu. Mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt, sal-gurnata tal-llum l-intimat baqa' inadempjenti mill-obbligu tieghu versu ibnu, b'dan illi ghandu jhallas is-somma ta' €32,393.24 (tnejn u tletin elf, tlett mija tlieta u disghin ewro, u erbgha u ghoxrin centezmu) f'mizati dovuti sal-gurnata tal-llum;*

3. *Illi minn dan l-att hemm trapass ta' zmien ta' aktar minn hames snin, li huwa t-terminu li skont il-ligi t-titolu esekuttiv seta' gie esegwit u dan ai termini Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi l-esponenti qeghda tikkonferma bil-gurament it-talba tad-dejn li qed tfittex l-esekuzzjoni taghha;*

5. *Illi r-rikorrenti hija kreditrici ta' David Darmanin, u s-somma hawn fuq indikata ghadha dovuta fl-intier taghha;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv naxxenti mill-kuntratt pubbliku tas-separazzjoni personali tal-partijiet datat l-erbgha (4) ta' Novembru 2005 in atti Nutar Dottor Eric Wadge u dan taht kull provvediment li din il-Qorti jidrilha opportun.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-Risposta ta' Dr. Martin Fenech et, datata 20 ta' Jannar 2017, (vide 67 et seq), li taqra hekk;

1. *Illi fl-ewwel lok dak li r-rikorrenti qieghda tippretendi ghadu mhux titlu ezsekuttiv ghax ma gietx itavolata ittra ufficjali jew kawza f'dan is-sens u ghalhekk din it-talba hija nulla u bla effett.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jitlob sabiex jintavola risposta ulterjuri meta jaf il-fatti;*

3. *Illi di piu r-rikorrenti hija obbligat illi jekk ghandha xi indirizz jew e mail tal-intimat tghaddih lill-kuratur.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Shazia Khan Darmanin** xehdet a fol 70 *et seq* illi r-ricevuti ezebiti huma ricevuti ta' mizati tal-iskola St. Edward's College li hallset ghal binha Mattia. Spjegat li l-ewwel wahda tirrigwarda self li kienet hadet biex thallas ghal sentejn ghaliex ma kienetx taf li l-mizata tal-iskola ma kienetx qed tithallas, u ghalhekk hadet self ta' €15,000 fuq isem ommha li hallset fl-2011. Xehdet li imbaghad bdiet thallas ghal kull tliet xhur, peress li ma kienetx tiflah thallas sena shiha f'daqqa. Xehdet illi b'kollox hija hallset is-somma ta' €25,000 ghal mizati tal-iskola ta' binha, oltre s-somma ta' €15,000. Kompliet illi r-ragel taghha hallas kwazi €3,000 f'sitt snin.

**In kontro-ezami** a fol 72 *et seq* xehdet illi hija ma ressqitx proceduri qabel ghaliex dejjem sperat illi l-intimat kien ser jipprova jaqdi d-doveri bhala missier versu ibnu. Fuq mistoqsija tal-Qorti, ikkonfermat illi d-dokumenti ezebiti huwa kontijiet u ricevuti ta' St. Edward's College, li kollha gew imhallsa minnha.

**Noel Mac An Bhaird** xehed a fol 100 *et seq* illi huwa l-*headmaster* tal-iskola St. Edward's College illi d-dokumenti ezebiti huwa ricevuti ghal hlas ta' mizati tal-iskola ghal

iben il-partjiet. **Xehed illi l-iskola tohrog ricevuta fuq isem il-persuna li tkun ghamlet il-pagament.**

**Ikkonsidrat;**

Il-kuratur ghall-intimat eccepixxa illi r-rikorrenti m'ghandhiex titolu esekuttiv ghaliex ma gietx intavolata ittra ufficjali jew kawza f'dan is-sens u ghalhekk it-talba hija nulla.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Priscilla Seisun vs Anthony Seisun** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Marzu 2015 intqal illi:

> "*…l-Qorti tagħraf li l-imsemmi artikolu 253 mhuwiex wieħed eżawrjenti f'dawk li jitqiesu titoli eżekuttivi, u dan għaliex fi bnadi oħrajn jeżistu dispożizzjonijiet ta' liġi li jgħidu li kreditu jew deċiżjoni partikolari jitqiesu bħala titoli eżekutivi b'riferenza għall-imsemmi artikolu 253 tal-Kap 12. Huwa aċċettat ukoll li kuntratt ta' firda personali jagħti titolu eżekuttiv, minkejja li ma jissemmiex fl-artikolu 253. Minbarra dan, huwa stabilit ukoll li l-ammont ta' manteniment ratejali miftiehem f'kuntratt ta' firda personali jirrendi kuntratt bħal dak wieħed minn fost it-titoli eżekuttivi maħsuba fl-artikolu 253 safejn tali manteniment ma jkunx jgħodd fih kriterji ta' żidiet fuq ammonti mhux determinati minn qabel;*
>
> *lli huwa minnu li l-artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jsemmi biss it-titoli eżekuttivi li jissemmew fl-artikolu 253, imma din il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni għaliex tqis li dak l-istess artikolu ma jagħtix rimedju f'każijiet fejn titoli eżekuttivi oħrajn magħrufa mil-liġi jitqiesu bħala titoli eżekuttivi taħt l-artikolu 253;*
>
> *Illi ma għandux ikun hemm dubju lanqas li kuntratt ta' firda personali huwa titolu eżekuttiv u jagħti lok, fiċ-ċirkostanzi partikolari, għall-eżegwibilta' tar-rabtiet li l-partijiet ikunu għamlu fil-konfront ta' xulxin*;"

Din kienet il-posizzjoni adottata minn din il-Qorta sa minn decenni ta' snien ilu. Filfatt, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Abdilla vs Avv. Dr. Edgar Buhagiar et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-**20 ta' Marzu 1947** illi:

> "[l]*-alimenti dovuti jure actionis, jigifieri li huma dovuti bis-sahha ta' donazzjoni, testment jew konvenzjoni, ghandhom jigu trattati bhala kreditu veru, u allura huma soggetti ghar-regoli tal-kuntratti ... u jistghu jigu pretizi anki ghall-imghoddi*."

Jirrizulta ghalhekk illi r-rikorrenti ghandha titolu esekuttiv fil-konfront tal-intimat li johrog mill-kuntratt ta' separazzjoni maghmul minnhom, vera kopja ta' liema tinsab ezebita a fol 3 *et seq*.

Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti gabet prova sufficjenti illi l-ammont pretiz minnha jirrifletti s-somma li kellha tigi mhallsa ghall-mizati tal-iskola ta' iben il-partijiet Mattia, liema mizati kellhom jigu mhallsa mill-intimat skont il-kuntratt ta' separazzjoni, u li l-ammont reklamat minnha ghadu dovut mill-intimat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv naxxenti mill-kuntratt pubbliku tas-separazzjoni personali tal-partijiet datat 4 ta' Novembru 2005.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**